C/2026/4359

11.8.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12473 – BLACKSTONE / NORLYS / EWH / EUROWIND ENERGY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4359)

1. Fil-31 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti),

— Norlys a.m.b.a. ("Norlys", id-Danimarka),

— EWE Holding ApS ("EWH", id-Danimarka).

Blackstone, Norlys u EWH se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Eurowind Energy A/S ("EWE", id-Danimarka), attwalment ikkontrollata minn Norlys u EWH.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Blackstone hija maniġer tal-assi alternattivi globali,

— Norlys hija attiva fil-produzzjoni u l-bejgħ bl-imnut tal-elettriku, il-forniment ta' soluzzjonijiet power-to-X, u fit-telekomunikazzjoni,

— EWH hija entità azzjonarja għad-diretturi u l-impjegati ta' EWE. Ma għandha l-ebda attività oħra.

3. EWH hija attiva fl-iżvilupp, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' parks eoliċi u solari fl-Ewropa, il-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, il-forniment ta' servizzi ta' bbilanċjar tal-elettriku u servizzi anċillari, u fl-iżvilupp ta' bijogass, power-to-X u soluzzjonijiet tal-batteriji.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12473 — BLACKSTONE / NORLYS / EWH / EUROWIND ENERGY

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË